JUNIOR COLLEGE
LIBRARY


# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI — SETTEMBRU 1969


## XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

*Il-moħħ ekonomiku tal-bniedem kiber bla tarf mal-medda tas-snin. Tibdil kbir sar fil-ħajja soċjali, kummerċjali, morali u intellettwali, u dan it-tibdil ma setax ma jolqotx ix-xogħol u s-snajja' li l-bniedem kien jinqeda bihom biex jaqla' x'jiekol għalih u għall-familja. Ix-xjenza moderna qallbet ta' taħt fuq ix-xogħol li sa ftit taż-żmien ilu l-bniedem kien jagħmel biex jaqla' l-għajxien. Din ir-rivoluzzjoni fil-ħajja tal-kummerċ laqtet mhux biss in-nazzjonijiet il-kbar imma wkoll iż-żgħar, fosthom 'l art twelidna. Il-moħħ infetaħ għal ideat ġodda li ġiebu magħhom mezzi ġodda, aktar prattiċi u aktar effettivi. Dawn tawna vantaġġi ġodda, aktar prattiċi u aktar effettivi. Dawn tawna vantaġġi kbar biex bihom naqilgħu aħjar il-ħobża ta' kuljum b'inqas taħbit u inqas tbatija.*

*Il-ħtiġiet taż-żminijiet tal-lum talbu aktar effiċjenza, ħeffa u speċjalizzazzjoni fix-xogħol u s-snajja' tagħna. Il-progress insibuh f'kull sfera ta' ħajjitna, u billi dan il-progress sar ħaġa waħda magħna, ftit li xejn wieħed joqgħod iħabbel rasu biex jara d-differenza kbira li hemm fil-ħajja tal-lum meta tqisha mal-ħajja ta' l-imgħoddi. U għal-hekk il-ktieb li għadu kemm ħareġ il-Professur Ġ. Galea, "Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi", għandu importanza doppja. L-ewwelnett qed jagħtina kwadru ċar, ħaj, maħdum b'reqqa kbira tax-xogħol li niesna ta' l-imgħoddi kienu jaħdmu biex jaqilgħu x'jieklu, u t-tieni biex iġagħalna naraw u nifhmu aħjar il-ħajja ta' missirijietna f'kuntrast mal-ħajja tagħna tal-lum, ħajja li kienet ferm aktar iebsa u mġebbda għax ma kellhiex dak li l-għerf tal-bniedem żejjinna bih il-lum, jiġifieri l-mezzi effettivi tax-xjenza moderna.*

*Drawwiet sempliċi, kważi primittivi, li l-lum spiċċaw għal kollox, nergħu narawhom fil-ktieb tal-Professur Galea, drawwiet li jqanqlu interess kbir f'dawk li ġa kienu jafuhom għax ifakkruhom fil-ħajja ta' l-imgħoddi, u interess wisq akbar fil-ġenerazzjoni li tielgħa ta' tfal u ta' żgħażagħ għax juruhom kif għexu biex qalgħu ħobżhom dawk li ġew qabilhom. Hekk igħidilna Ġużè Cassar Pullicino: "Huma snajja' jew xogħlijiet li kellhom jispiċċaw maċ-ċaqliq ekonomiku u industrijali ta' pajjiżna imma li b'xorti tajba għad fadal tifkiriet ħajja tagħhom, sew jekk kienu marbutin ma' drawwiet ta' festi kemm jekk ma' metodi tradizzjonali ta' bini, ta' inġenji u ta' xogħlijiet oħra ġewwa d-djar li l-lum għabu mid-dehra tal-ħajja Maltija".*

*Min miż-żgħażagħ tal-lum qatt sama' bl-irġiel tal-kummissarju, bin-newwieħa, bin-nuqqax, bl-imreddgħa, bil-bejjiegħa ta' l-ilma, b'dawk*

*li jkissru ż-żrar jew li jimlew is-siġġijiet, u b'dawk taċ-ċippitatu? Huma nies li mietu, u magħhom* ***intemm ix-xogħol li kienu jagħmlu.*** *Min mill-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum qatt ra jsir ix-xogħol tal-ġibs u tal-ġanitill? U fejn huma l-kaless, it-tram u l-omnibus? Fejn huma l-kataletti, il-kwiener u l-egħnienel? Kollha għabu mal-mixja ħafifa tal-progress. Il-progress difinhom, u minflokhom il-moħħ ekonomiku u xjentifiku tal-bniedem tana mezzi u materjal aħjar, aktar komdu u li jaqbel mal-ħajja mgħaġġla, mekkanika li qed ngħixu fiha.*

*Imma għandu mnejn fil-kumdità ta' djarna, mixħutin fuq pultruna ratba, forsi wkoll bit-television mixgħul quddiemna jew b'xi radjo ma' ġenbna jsemmagħna għana l-ġmiel tiegħu ġej minn artijiet mijiet ta' mili bogħod minna, għandu mnejn nitħajru ninqatgħu għal ftit mill-ħajja reali u mmorru bi ħsebijietna lejn iż-żmien imbiegħed, u wkoll mhux tant imbiegħed, ta' niesna u naraw kif kienu jgħixu u jaħdmu biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum. Ngħid għalija, biex jaqtagħna minn din il-ħajja reali u jurina l-ħajja qadima ta' niesna, ma nsib xejn aħjar minn dan il-ktieb tal-Professur Galea, "Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi".*

*Dan hu ktieb mill-iżjed interessanti mimli b'informazzjoni u b'tagħlim li jixħet dawl ċar ħafna fuq il-ħidma u d-drawwiet ta' missirijietna. Bis-sengħa tiegħu artistika, il-Professur Galea qanqal fina mill-ġdid it-tifkira ta' l-imgħoddi, u mill-ġdid erġajna rajna quddiemna dawk il-persunaġġi antiki li konna nafuhom sewwa bix-xogħol u s-snajja' tagħhom u li l-lum indifnu taħt il-ħerba taż-żmien.*

*ĠUŻE' CHETCUTI.*